# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' April, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 129/02mm**

**Mario Valentino ghan-nom u in rapprezenteanza tas-socjeta' Valentino Brothers**

**vs**

**Carmelo Gauci Limited.**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tmien mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u

erbgha u tletin centezmu (Lm2,826.34) rapprezentanti ammont bilancjali dovut lis-socjeta' attrici ghall-merkanzija konsistenti f'injam mibjugh u ikkonsenjat lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez tal-prezentata ta' l-Avviz, tal-Mandat ta' Sekwestru numru 396/02, u tal-Mandat ta' Qbid numru 395/02 ipprezentati kontestwalment, u ta' l-ittra nterpellatorja datata 21 ta' Jannar, 2002, u bl-imghax legali mit-3 ta' Mejju, 2001, cioe' d-data ta' l-ahhar konsenja, sa' l-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba attrici ghall-ammont ta' elfejn, tliet mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm2,326.34) stante illi sar pagament ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00) fil-mori tal-kawza.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-8 ta' April, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit

Deputat Registratur